A.L. 315 ta' l-2002

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2002 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(1), 36(6) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali għamel l-ordni li ġej:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni ta' l-2002 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 3), u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". A.L. 32 ta' l-2000.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Awissu, 2002.

Jemenda l-Ewwel Skeda ta' l-ordni prinċipali.

2. Minnufih wara l-partita "Regolamenti ta' l-2002 dwar Attivitajiet li Jinħtieġu Permess mill-Kunsilli Lokali" fl-Ewwel Skeda ta' l-ordni prinċipali għandha tiżdied il-partita li ġejja:–

"Regolamenti ta' l-2002 dwar Liċenzi mill-Kunsilli Lokali għall-Ftuħ ta' Wiċċ ta' Triq.".